MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru. 1198/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Jason Demicoli, iben Saviour, imwieled Birkirkara fit-12 ta' Lulju, 1976, Karta ta' l-Identita numru 331276(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-6 ta' Novembru, 2009 fil-'Binkies Bar' fi Triq Mimosa, Ħamrun għal
ħabta tal-10.00 p.m., volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-
persuna ta' Silvio Brincat minn Santa Venera hekk kif iċċertifika Dr. Paul
Mangion M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
2. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali favur l-istess Silvio Brincat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April, 2010 fejn irrizulta li l-feriti li ġarrab Silvio Brincat huma ta' natura ħafifa u Silviio Brincat qed jaħfer lill-imputat.

Illi provi oħra ma ġewx prodotti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment ezawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża. Ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------